MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Avviz Numru. 7/2008

Albert FS Manduca Limited

vs

Carmel sive Charles Borg

Il-Qorti,

Rat l-Avviż tas-soċjeta' attriċi fejn talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi inti għandek tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlett'elef disa' mija tmienja u ħamsin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€ 3958.95) *ekwivalenti għal Lm 1699.88* rapprezentanti bilanċ minn somma ikbar, valur ta' merkanzija konsistenti f'xorb u confectionery items li ġew mibjugħa u kkonsenjati lilek fuq istruzzjonijiet tiegħek stess, tiġi kundannat tħallas din is-somma lill-attriċi, flimkien mal-interessi fuq din l-istess somma b'effett mit-28 ta' Settembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ai termini ta’ l-Art 166A tal-Kap 12 spedita lilek fis-16 ta’ Novembru, 2007.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Illi l-allegazzjonijiet imsemmija fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jidher ukoll mill-atti fl-ittra mibgħuta taħt l-Artikolu ta’ 166A tal-Kap. 12, u dan kif jista jiġi muri fl-istadju tal-provi.

2. Illi t-talba tal-imgħaxijiet hija waħda ġenerika u ma hemmx talba speċifika u għalhekk ma tistax tiġi milqugħa.

Għaldaqstant it-talbiet tas-soċjeta’ attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.

Rat il-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut li ġew ippreżentati fis-seduta tat-23 ta' Frar 2010, wara li dan naqas milli jattendi għal dik is-seduta, u infetħu fis-seduta sussegwenti tal-25 ta' Marzu 2010, wara li l-konvenut reġa' ma attendiex għal dik is-seduta.

Rat il-verbal tagħha ta' l-istess ġurnata fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed tirreklama mingħand il-konvenut l-bilanċ dovut lilha għal merkanzija konsistenti f'xorb u *confectionery items* mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut f'diversi okkażjonijiet kif jidher mill-*invoices* AFSM 1 sa AFSM 18 ippreżentati mis-soċjeta' attriċi permezz tan-nota tas-7 ta' Ottubru 2008.

Billi l-konvenut naqas li jattendi għas-seduta tal-25 ta' Marzu 2010 li għaliha kienet ġiet differita l-kawża għas-subizzjoni tiegħu, u għalhekk infetħu l-kapitoli li kienu ġew ippreżentati fil-konfront tiegħu fis-seduta preċedenti, dawn l-istess kapitoli, wara li nfetħu, ġew meqjusa bħala ammessi skond il-liġi, u dan a tenur ta' l-artikolu 698 tal-Kap. 12.

In vista ta' din l-ammissjoni m'għandu jibqa' ebda raġuni għaliex it-talbiet tas-soċjeta' attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara li dan għandu jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tliet elef disa' mija tmienja u ħamsin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (EUR 3958.95) ekwivalenti għal LM 1699.88, rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, valur ta' merkanzija konsistenti f'xorb u *confectionery items* mibjugħa u kkonsenjati lilu fuq struzzjonijiet tiegħu stess, u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi din is-somma, flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi, mit-28 ta' Settembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 mibgħuta lill-konvenut fis-16 ta' Novembru 2007, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------